A.L. 133 ta' l-1999

## ATT TA' L-1999 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. III TA' L-1999)

## ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI), (KAP. 161)

### Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm15,000,000 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2005 (It-Tieni Ħruġ - It-Tieni Parti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1999 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm15,000,000 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

**1.** L-i*Stock* jinhareġ skond kif stipulat fil-prospett.

*Policy* dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

**2.** Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. Tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

**3.** (a) Applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, issir meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

(b) Fl-1 ta' Frar, 2000 wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti ta' 5.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2005 (II) u wara dan iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

**4.** Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm15,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

**5.** L-imgħax bir-rata ta' Lm2.80 għal kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-1 ta' Frar u fl-1 ta'Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn it-2 ta' Settembru, 1999 u l-1 ta' Frar, 2000 isir fl-1 ta' Frar, 2000.

Fidwa ta' *Stock*.

**6.** L-i*Stock* jinfeda b'parità fl-1 ta' Awissu, 2005.